**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-15 ta' Lulju 2016**

**Appell Nru: 478/2015**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Lewis Cordina**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Lewis Cordina, iben John u Maria Dolores nee' Micallef, imwieled l-Awstralja, fis-17 ta' Ġunju 1976 u residenti fil-fond Achillea, Triq il-Ponta Zebbuġ, Għawdex, detentur tal-karta' tal-identita' numru 135694M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-30 ta' Marzu, 2014 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22.30 hrs) ġewwa Triq Guże D'Amato, fix-Xewkija u fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex:
>
> 1. Saq vettura bil-mutur tal-għamla KIA bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ237 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkustanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bio traskiuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni teigħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkagġuna ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MRG608 għad-detriment ta' Mario Gatt (ID No. 26408M) u Ruben Gatt (ID No 396982M);

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Maria Gatt (ID No 264085M) u Ruben Gatt (IDC 396982M) hekk kif ġie iċċertifikat minn Dr. T. G. Farrugia MD tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi waqt li kien isuq vettura bil-mutur tal-għamla KIA bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ237 naqas li jieqaf wara li kien involut f'inċident li kien jinvolvi offiża fuq persuna oħra u kif ukoll ġiet ikkagġunata ħsara fuq vettura oħra;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku għamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

   Il-Qorti ġiet mitluba li b'żieda tal-piena tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak iż-żmien li jidhrilha li huwa xieraq.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Ottubru, 2015, li biha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 67 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat mhux ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet minħabba rinunzja mill-parti ċivili, ma sabitux ħati tal-ħames (5) imputazzjoni minħabba nuqqas ta' provi iżda ssibu ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontrieh. Rigward l-ewwel (1) imputazzjoni kkundannatu multa ta' mitejn u ħamsa Euro (€205) u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta tal-għada tas-sentenza (00.01am). Inoltre, wara li rat l-artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, dwar ir-raba' imputazzjoni l-Qorti qiset li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u għamlet ordni li biha lliberat lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jgħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza u spjegatlu bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti ta' ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata l-ħati jkun jista' jingħata s-sentenza għar-reat oriġinali.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta' Lewis Cordina ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti, tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-tlettax (13) ta' Ottubru 2015 in kwantu l-imputat ġie liberat mit-tieni, t-tielet, u l-ħames akkuża u tirrevokha in kwantu għall-ewwel akkuża u għar-raba akkuża fejn sabet lill-imputat ħati u kkundannatu multa ta' €250 u sospensjoni tal-liċenzja għal tmient (8) ijiem u fejn sabitu ħati u ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat

ieħor matul perjodu ta' sena u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena skont il-liġi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-30 ta' Marzu 2014 fl-10.30 pm fix-Xewkija Għawdex l-appellant, li hu pulizija, kien isuq il-vettura tiegħu tal-marka KIA numru BBQ237 fi Triq Ġuże D'Amato u waqt li kien ħiereġ għal ġo Triq l-Imġarr ħabat ma' karozza oħra tal-marka Ford Fusion numru MRG608 misjuqa minn Ruben Gatt li kienet ġejja minn Triq l-Imġarr fid-direzzjoni tar-Rabat. Wara l-ħabta l-appellant ma waqafx u baqa' sejjer bil-karozza tiegħu fid-direzzjoni tar-Rabat iżda aktar tard huwa ġie identifikat bħala s-sewwieq tal-vettura KIA numru BBQ237 li kienet reġistrata f'ismu. Ruben Gatt kellu miegħu passiġġiera lil martu Maria Gatt u żewġt uliedhom żgħar. Iż-żewġ konjuġi Gatt it-tnejn sofrew ġrieħi li ġew ċertifikati bħala ta' natura ħafifa. Il-vettura ta' Ruben Gatt ġarrbet ħsarat fl-inċident.

**6.** L-aggravji tal-appellant Lewis Cordina huma sostanzjalment is-segwenti:

1. huwa qatt ma kellu jinstab ħati ta' sewqan traskurat peress li ma rriżultax li f'xi mument huwa ma laħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti u kompetenti;

2. fl-ewwel parti ta' dan it-tieni aggravju ġie sottomess li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi u kellha tagħti aktar piż probatorju lix-xiehda ta' Dr Teddy George Farrugia fl-eżami tar-raba' imputazzjoni tenut kont li l-imputat ħassu ma jiflaħx, konfuż u ser jistordi mal-mument tal-ħabta u ppanikja għax ħaseb li sejjer jiġrilu bħal qabel u ma kienx jaf jispjega kif telaq

minn fuq il-post. Fit-tieni parti ta' dan l-istess aggravju jingħad li l-r-raba' imputazzjoni ma hijiex riflessa fil-liġi u dana għaliex id-diċitura hi ferm differenti u l-liġi tirrikjedi li l-imputat "għandu jieqaf" iżda mhux li "jibqa' fuq il-post", apparti li ħadd ma talbu jgħaddi d-dettalji lil xi ħadd u naqas milli jgħaddihom.

3. Anki kieku kellha tinstab ħtija taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 l-piena inflitta teċċedi l-massimu previst mil-liġi peress li ingħata multa ta' €250 mentri l-massimu hu ta' €232.94, u dan apparti li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jimmeritawx piena fil-massimu tagħha.

**Ikkunsidrat:**

**7.** In kwantu għal **<u>l-ewwel aggravju</u>** l-appellant jistieden lill-Qorti tagħmel apprezzament tal-provi divers minn dak li għamlet l-ewwel Qorti biex b'hekk tasal għal konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti u huwa ben stabbilit li fejn si tratta ta' tali aggravju din il-Qorti ma tiddipartixxix mill-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti ħlief għal raġunijiet gravi li jinduċuha tagħmel hekk għaliex altrimenti tkun ser ssir inġustizzja manifesta jew amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

**8.** Mill-provi jirriżulta kjarament li fit-tarf tat-triq mnejn ħareġ l-appellant kien hemm *stop sign* mal-art kif ukoll *stop sign* mwaħħal ma' arblu vertikali fuq il-bankina fit-tarf tal-istess triq. Huwa minnu li ma hemmx mera f'tarf it-triq iżda mir-ritratti esibiti jirriżulta wkoll kjarament li l-viżwali ta' Triq l-Imġarr għal min ikun wieqaf fuq l-i*stop sign* f'tarf Triq Ġuże D'Amato hija piuttost għat-tul u għalhekk ma hemmx raġuni plawsibbli għaliex l-appellant, jekk waqaf fejn hemm l-*istop sign*, ma rax il-vettura ta' Ruben Gatt ġejja waqt li kienet misjuqa fi Triq l-Imġarr fid-direzzjoni tar-Rabat. Għalhekk jew l-appellant ma waqafx fejn l-*istop sign* u baqa' ħiereġ bla ma ra l-vettura ta' Ruben Gatt, jew waqaf fl-*istop sign* u ħareg minn

warajh bla ma ra l-vettura ta' Gatt. Fiż-żewġ każijiet l-appellant kien negliġenti serjament jew għaliex injora l-*istop sign* u ma żammx *a proper look out* jew għaliex anki jekk waqaf mal-*istop sign* ħareġ qabel ma kien ċert li seta' joħroġ bla perikolu għalih innifsu u għat-traffiku li kien għaddej minn Triq l-Imġarr; dan apparti li jekk ma rax lill-vettura ta' Gatt allura l-appellant ċertament għal darb'oħra ma kienx qiegħed iżomm *a proper look out.*

**9.** Il-Qorti tosserva li l-imputat ta x-xiehda tiegħu wara li xehed it-Tabib Dr. Teddy George Farrugia. Dan ix-xhud seta biss xehed in difeża għaliex il-prosekuzzjoni kienet ġia għalqet il-provi tagħha tlett seduti qabel. Inoltre d-depożizzjoni tiegħu kjarament ma kienetx tikkonsisti f'kontroeżami. Għalhekk meta l-imputat xehed wara li ġie prodott ix-xhud Dr. Teddy George Farrugia dan ma kienx proċeduralment korrett għaliex l-imputat, jekk jagħżel li jixhed, għandu jinstema' qabel jipproduċi x-xhieda tiegħu. Din ir-regola mhux dejjem tiġi osservata fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti.

**10.** L-appellant xehed li wara l-ħabta huwa ħassu stordut u ppanikja. Dan ma jnaqqas xejn mit-traskuraġni tiegħu fis-sewqan qabel qabdu l-allegat sturdament. L-appellant jgħid li waqaf fl-inkroċju iżda peress li ma kienx hemm mera kellu joħroġ iktar 'il barra biex jara hux ġej xi ħadd u appena reġa beda jsuq saret il-ħabta. Il-Qorti hi persważa li minn kif tidher il-konfigurazzjoni tat-toroq relevanti u l-pożizzjoni tal-i*stop sign* fit-triq kif jidhru fir-ritratti esibiti (Dok. JM7, JM8 u JM9) karozza wieqfa fuq l-*istop sign* kellha vizwali tajba tat-traffiku miexi fi Triq Xewkija fid-direzzjoni tar-Rabat anki mingħajr l-għajnuna ta' ebda mera f'tarf it-triq. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tagħti affidament lix-xiehda tal-imputat f'dan ir-rigward.

**11.** Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. u għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint.

**12.** In kwantu għall-ewwel parti tat-**<u>tieni aggravju</u>** rigwardanti r-raba imputazzjoni talli naqas milli jieqaf wara l-inċident din il-Qorti wkoll ma ssibx raġunijiet suffiċjentement serji sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti. Kieku verament l-appellant wara l-ħabta beda jħossu ma jiflaħx, jistordi, ser itih ħass ħażin, allura wieħed kien aktar jistenna lill-appellant jibqa' fuq il-post u ma jmur mkien milli jkompli bis-sewqan tiegħu. Il-fatt li jgħid li ppanikja ma hux biżżejjed sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament tal-ewwel Qorti.

**13.** It-tieni parti ta' dan l-aggravju, imbgħad, huwa għal kollox frivolu. Ir-reat *de quo* fid-definizzjoni tiegħu jirrikjedi li fejn inċident bħal dan jkun jinvolvi offiża fuq il-persuna jew ħsara lil xi vettura bħal ma kien f'dan il-każ, l-ewwel ħaġa li għandu jagħmel is-sewwieq hi li jieqaf. Jekk is-sewwieq ma jieqafx it-tieni parti tad-definizzjoni tar-reat issir irrelevanti għaliex dik it-tieni parti hi relevanti biss fl-eventwalita' li s-sewwieq ikun waqaf u huwa f'dik iċ-ċirkostanza li jista' jiġi meħtieġ mill-Pulizija jew gwardjan lokali jew persuna relevanti oħra li jagħti d-dettalji msemmija fid-definizzjoni tar-reat. Irriżulta li l-appellant wara l-inċident ma waqafx u baqa' sejjer u dan hu biżżejjed għall-ħtija tar-reat tenut kont tal-fatt li fl-inċident ġiet kaġuata offiza fuq il-persuna u ħsara lil vettura.

**14.** Dan it-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint fl-intier tiegħu. L-appellant għandu raġun in kwantu għa**<u>t-tielet aggravju</u>** għaliex filwaqt li l-ewwel Qorti kkundannatu għall-piena tal-multa ta' €250 għall-ħtija tal-ewwel imputazzjoni l-piena massima għall-ħtija tal-istess imputazzjoni taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 hi ta' €232.94. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jintlaqa' u l-piena ser tiġi riformata skont hekk għalkemm xorta ser tingħata l-massimu tal-multa (u <u>mhux tal-piena</u>,

għaliex din hi priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur) tenut kont tal-fatt li l-appellant huwa uffiċjal tal-pulizija li jmessu jaf ferm aħjar.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-apell in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduċi l-multa imposta mill-ewwel Qorti għal multa ta' €232.94 (mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan li l-perjodu ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofsillejl u minuta ta' għada (00.01 am).

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur